MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 368/2004

**Albert Mizzi f'isem *Central Mediterranean Development Corporation Limited***

**vs**

**George Francis Alexander Dalli**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mis-socjeta' attrici fil-21 ta' Mejju, 2004, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet illi:

B'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dott. Anthony Gatt datat 22 ta' Dicembru, 1977 – Dok. M1 – l-konvenut akkwista l-koncessjoni sub-enfitewtika temporanja tal-*plots* numru hames mija u tlieta (503) u hames mija u erbgha (504)

soggetta ghal cens annwu ta' mitt Liri Maltin (Lm100) fis-sena pagabbli bil-quddiem fl-14 ta' Ottubru ta' kull sena.

Dan il-kuntratt kien soggett ghal kondizzjonijiet originali f'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dott. Paul Pullicino datat 14 ta' Ottubru, 1966 – bejn is-socjeta' attrici u l-predecessuri tal-konvenut.

Skond klawsola 11 tal-imsemmi kuntratt originali *"If the grantee or their heirs or assigns be in arrear with the payment of the herein stipulated ground-rent for ninety days after the same shall have been due and demanded by the Company … then in every such case this sub-emphyteutical Concession shall be resolved ipso jure (automatically) and it shall be lawful for the Company at any time to re-enter and take possession of the demised plots of land and buildings erected thereon …"*.

Il-konvenut ilu moruz fil-hlas tac-*canone* mill-14 ta' Ottubru, 1991 u *cioe'* ghal tnax-il skadenza ghal ammont komplessiv ta' elf u mitejn Liri Maltin (Lm1,200).

Ghalkemm interpellat diversi drabi ghal hlas ta' dan ic-*canone*, bl-ahhar ittra ufficjali datata 24 ta' Gunju, 2003, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa moruz fil-pagament tal-*canone* u dan ghal tnax-il skadenza u *cioe'* mill-14 ta' Ottubru, 1991 sal-14 ta' Ottubru, 2003, u li ghalhekk kiser il-kondizzjonijiet tal-koncessjoni sub-enfitewtika.

2. Tiddikjara xolta l-koncessjoni sub-enfitewtika skond il-klawsola numru 11 tal-kuntratt originali fl-Atti tan-Nutar Dott. Paul Pullicino datat 14 ta' Ottubru, 1966, u skond il-kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dott. Anthony Gatt datat 22 ta' Dicembru, 1977.

3. Tordna li l-*plots* numri 503 u 504 jirrevertu lura f'idejn is-socjeta' attrici u ghal dan l-iskop tiffissa terminu qasir u

perentorju sabiex il-konvenut jizgombra mill-imsemmija artijiet.

4. Tordna l-likwidazzjoni u hlas tal-*canone* dovut mill-konvenut ghal ammont komplessiv ta’ Lm1,200.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 24 ta’ Gunju, 2003.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni huwa naqas li jippresenta nota tal-eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensur tas-socjeta’ attrici;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt tat-22 ta’ Dicembru, 1977, il-konvenut akkwista s-subutili *dominuim* temporanju tal-fond mibni fuq *plots* 503 u 504 gewwa l-Mellieha. Hu akkwista dan il-fond versu l-hlas ta’ Lm100 subcens pagabbli kull sena lis-socjeta’ attrici u *“as subject to all the conditions stipulated in the deed of subemphyteusis in the records of Notary Doctor Paul Pullicino of the 14$^{th}$ October, 1966, which the purchaser declares to be aware of and binds himself to observe”*.

F’dan l-ahhar imsemmi kuntratt hemm il-klawsola imsemmija fit-tielet premessa tac-citazzjoni, fis-sens li jekk is-subutilista jaqa’ lura fil-hlas tas-subcens, u jibqa’ hekk moruz ghal zmien 90 jum min meta jigi mitlub ihallas, il-koncessjoni sub enfitewtika *“shall be resolved ipso jure (automatically)”.* Din il-kondizzjoni torbot ukoll lis-subutilista ‘l gdid, il-konvenut, u tapplika ghal-kaz ta’ xi nuqqas mis-subutilista attwali (ara <u>“Mizzi noe vs Darmanin</u>

noe”, decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta’ Mejju, 1990).

Jirrizulta li ghal-tnax-il sena shah, mill-14 ta’ Ottubru, 1991, sat-13 ta’ Ottubru, 2003, il-konvenut ma hallasx is-subcens dovut. Is-socjeta’ attrici kienet tiktiblu regolarment biex jirregola ruhu, izda fil-waqt li l-ammont ta’ subcens dovut baqa’ tiela, hlasijiet ma waslu qatt.

B’ittra tat-2 ta’ Dicembru, 2002, il-konvenut gie mitlub ihallas is-somma ta’ Lm1,200 rappresentanti 12-il skadenza, izda l-pagament baqa’ ma sarx. Wara li ghaddew aktar minn 3 xhur fuq din l-ittra, b’Ittra Ufficcjali tal-24 ta’ Gunju, 2003, il-konvenut gie interpellat jersaq ghal-publikazzjoni ta’ rexissjoni tal-att subenfitewtiku *stante* l-inadempjenza tieghu, izda xorta baqa’ inadempjenti. Il-konvenut ma ressaq ebda skuzanti ghal dan in-nuqqas tieghu, u lanqas quddiem din il-Qorti ma ttenta jressaq raguni plawsibbli ghan-nuqqas ta’ hlas. *Kwindi*, it-terminu tal-klawsola kontrattwali tirrizulta li avverat ruhha, u trattandosi ta’ kondizzjoni rizoluttiva espressa, il-hall tal-kuntratt isegwi *ipso jure* (artikolu 1067 tal-Kodici Civili). F’kazijiet bhal dawn, il-kreditur tal-obbligazzjoni jista’ jitlob kemm il-hall tal-kuntratt kif ukoll l-arretrati tac-cens dovut (ara “Borg vs Abela”, decisa minn din il-Qorti fit-28 ta’ Marzu, 2003).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta, tilqa’ it-tieni talba u b’effett ta’ din is-sentenza tiddikjara mahlula b’effett mil-lum il-koncessjoni sub-enfitewtika temporanea tal-fond fuq riferit kontrattata bl-att tat-22 ta’ Dicembru, 1977, fuq indikat, u tilqa’ it-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut jirrilaxxja lis-socjeta’ attrici l-istess fond, bil-miljorament jekk jezistu, fiz-zmien ghoxrin (20) jum mil-lum; tilqa’ wkoll ir-raba’ talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm1,200 (elf u mitejn liri Maltin), rappresentanti arretrati ta’ sub cens mill-14 ta’ Ottubru, 1991, sat-13 ta’ Ottubru, 2003, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------